MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru. 616/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**GEORGE VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

George Vella ta’ 33 sena, bin Spiridione u Emanuela nee’ Farrugia, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-4 ta’ Gunju, 1974, residenti fil-fond Block 2, Flat 2, Tarag it-Tarznari, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 295674M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Talli nhar il-15 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tal-10.00 ta' fil-ghodu, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, mill-fond 145, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Marianna Scicluna anzjana ta' disgha u tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil Marianna Scicluna kontra l-volonta' taghha;

3. U aktar talli dati u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Marianna Scicluna taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga;

4. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sikkina bix-xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli nhar it-8 ta' Jannar, 2007 f'xi hin matul il-lejl, mill-fond numru 4, Triq it-Tlitt Ibliet, Bormla, ikkommetta serq ta' deheb u oggetti ohra ghad-dannu ta' Dolores Buhagiar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-hin u bil-lok;

6. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Dolores Buhagiar, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

7. U aktar talli nhar il-5 ta' Jannar 2007, ghall-habta tat-8.30 ta' fil-ghodu, mill-fond 7, Triq il-Fortini, Ta' Felic, Bormla, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Grace Fenech, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-lok;

8. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Grace Fenech, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

9. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 2004, mill-fond 12, Triq l-Arcisqof, Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Mons Philip Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-hin u bil-lok;

10. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjment hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Mons Philip Calleja, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

11. U aktar nhar it-3 ta' Dicembru, 2001, ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar, mill-hanut bl-isem 'Victor Galea Haberdashery', sitwat fi Triq San Gwann, Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Eric Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

12. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Eric Galea, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

13. U aktar talli nhar il-11 ta' Lulju, 2002 fi Triq San Pawl, Valletta, ikkommetta serq ta' diversi grosos tas-sigaretti minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CAO 861, ghad-dannu ta' Carmelo Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa;

14. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

15. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li gew imposti fuqu b'sentenza datata 22 ta' Mejju, 2006 moghtija mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro, LL.D.;

16. U fl-ahharnett talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-ammmissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk il-Qorti ghandha bil-fors issibu hati u tghaddi minnufih biex tikkunsidra l-piena idonea ghal dan il-kaz.

Fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni, tant li bis-sahha tal-informazzjoni li ta gew solvuti serqiet ohra kommessi minnu stess u minn terzi. Inoltre, l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, u l-Qorti sejra zzomm dawn iz-zewg fatturi meta tikkonsidra l-piena.

Madankollu, l-imputat ghandu serje ta’ akkuzi xejn felici, fosthom serq aggravat bil-vjolenza, is-sekwestru tal-persuna, pussess ta’ arma li taqta’, sitt akkuzi ta’ serq aggravat, ksur ta’ ordni ta’ Probation, u recidiva. Fid-dawl ta’ akkuzi bhal dawn, aktar u aktar fid-dawl tal-fedina penali xejn felici tal-imputat, il-Qorti trid bil-fors taghti piena ta’ prigunerija effettiva, izda sejra tinghata vicin tal-minimu bil-konkors tal-pieni fit-termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 u bl-assorbiment tal-piena ghall-hsara volontarja, peress li din kienet mezz ghall-fini tar-reat ta’ serq.

Ghal dawn il-motivi:

Wara li rat l-Artikoli 18, 86, 251(1), 261, 262, 263, 267, 269, 270, 271, 275, 325, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat George Vella hati tal-imputazzjoniijet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal erba’ (4) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------